

L-ISKEMA TAL-IS-KEJJEL TAL-UE

LI TINKORAĠĠIXXI DRAWWIET
TAL-IKEL AKTAR TAJBIN
GĦAS-SAĦĦA

L-iskema tal-iskejjel tal-UE tappoġġa d-distribuzzjoni ta' frott, ħaxix u ħalib fl-iskejjel madwar l-Unjoni Ewropea b'ħala parti minn programm ta' edukazzjoni usa' dwar l-agrikoltura Ewropea u l-benefiċċji tal-ikel tajjeb għas-saħħa.

Fl-UE, il-konsum tal-frott u l-ħaxix frisk u l-konsum tal-ħalib ma jissodisfawx ir-rakkomandazzjonijiet nutrizzjonali internazzjonali, filwaqt li qed jiżdied il-konsum tal-ikel ipproċessat, li sikwit ikollu livelli għolja ta' zokkor, melħ, xaħam jew addittivi miżjuda. Id-dieti mhux tajbin għas-saħħa u l-attività fiżika baxxa, jikkawgunaw piż żejjed u obeżità.

Din hija r-raġuni għala l-UE tieħu azzjoni biex tgħin lit-tfal isegwu dieta tajba u jkollhom stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa.



Fatti u ċifri ewlenin għall-2017-2018

€250 miljun

Il-baġit tal-UE




Madwar 20,2 miljun

tifel u tifla tal-iskola, li jirrapreżentaw 20 % tan-numru totali ta' tfal ta' bejn 0 u 18-il sena fl-UE

It-tfal tal-iskola rċewew aktar minn

65,5 miljun kilo

frott/ħaxix frisk



It-tfal tal-iskola rċewew aktar minn

178 miljun litru

ħalib

Tfal involuti fil-miżuri edukattivi

Agrikoltura – Drawwiet tal-ikel tajbin għas-saħħa – Ktajjen alimentari lokali – Prodotti organiċi – Produzzjoni sostenibbli – Ħela tal-ikel



16-il miljun

tifel u tifla tal-iskola kellhom lezzjonijiet, lekcjers, workshops



6.3-il miljun

tifel u tifla tal-iskola ħadu sehem fi klassijiet ta' dewqan, workshops tat-tisjir, u oħrajn



1-il miljun

tifel u tifla tal-iskola taw sehemhom fil-ġonna tal-iskola



1.1-il miljun

tifel u tifla tal-iskola żaru bosta rziezet, imħaleb u swieq tal-bdiewa

6.7-il miljun

tifel u tifla tal-iskola kienu involuti f'attivitajiet oħra: kompetizzjonijiet, loġħob, ġranet jew perjodi tematiċi



Eżempji ta' attivitajiet



L-ITALJA Min qal ma nafx u ma jogħġobnix?

Tul il-jiem ta' distribuzzjoni speċjali, il-fornituri tal-frott u l-ħaxix għall-iskejjel fl-Italja kellhom jagħmlu disponibbli mill-inqas żewġ tipi ta' bus u ħemes flimkien mal-miżuri edukattivi. Madwar 103,000 tifel u tifla tal-iskola fil-Provinċji ta' Trento u Bolzano u fir-Reġjun tal-Veneto daqu ċ-ċiċri mħallta bit-tfettit tal-karrotti u b'daqsejn meraq tal-larinġ. Ir-reazzjoni tagħhom mimlija entużjażmu ssorprendiet lil ħafna – inkluż lill-ġenituri!

Ritratt mill-fornitur, Il-Kumpanija tal-Frott Alegra: waqt il-preparazzjoni tal-porzjonijiet

IL-ĠERMANJA Schleswig-Holstein, Nużaw il-Prodotti Lokali

Mill-2017, it-tfal f'Schleswig-Holstein, il-Ġermanja, bdew jirċievu wkoll il-frott u l-ħaxix flimkien mal-ħalib, bi preferenza mogħtija lill-prodotti lokali. Iltaqa' mal-fornituri: din hija s-Sinjura Doris Schuster li tmexxi n-negozju tal-familja, li issa wasal fit-tielet ġenerazzjoni. Hija tkabbar 100 varjetà ta' tuffieħ f'seba' ettari ta' raba' fil-villaġġ ta' Schwentinental-Raisdorf.

Silta mill-filmat dwar l-iskema tal-iskejjel:

https://www.youtube.com/watch?v=g3VMJxAdn_k



IL-LATVJA Is-sit web jtkellem waħdu

Is-sit web tal-iskema tal-iskejjel fil-Latvja jipprovdi minjiera ta' informazzjoni għat-tfal, għall-ġenituri, għall-għalliema u għall-pubbliku.

Dan is-sit fih informazzjoni dwar x'inhi l-iskema u kif wieħed jista' japplika għaliha, iżda jinkludi wkoll ġabra ta' ideat kreattivi, tpinġijiet, albums bir-ritratti u materjali tal-video minn daww kolha involuti: rispons mingħand it-tfal, materjali għall-għalliema, punti ewlenin dwar il-progress bl-iskema, kompetizzjonijiet eċċ. Barra minn hekk, is-sit web huwa wkoll bl-Ingliš. Ħudu gost!



<http://piensaugliskolai.lv>



IL-FINLANDJA Nieħdu lit-tfal fuq vjaġġ tal-ikel

Il-Food Radar, fil-Finlandja, jgħin fid-distribuzzjoni tal-frott, tal-ħaxix u tal-ħalib fl-iskejjel. Bħala esploraturi attivi, it-tfal jistgħu jilagħbu, jiġbdu filmati u jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-Arti tal-Ikel huma sitt studenti tat-tmien sena mill-iskola ta' Lohtaja f'Kokkola li għamlu girlanda spettakolari bil-prodotti friski tal-iskema. Bħala premju huma qattgħu ġurnata f'Helsinki u għamlu filmat fuq YouTube bl-isem ta' "Ready, Steady, Cook" ma' Miklu, stilla popolari Finlandiża fuq YouTube.

<http://www.ruokatutka.fi>

L-IRLANDA Għollu l-volum għall-jingle tal-ħalib tal-iskola

Fl-Irlanda saret kompetizzjoni tal-jingles matul il-Ġimgħa Nazzjonali tal-ħalib fl-iskejjel. L-iskejjel ikkompetew bejniethom biex jirnexxilhom jiksbu l-premju ta' ħalib fl-iskola għal sena sħiħa mingħajr ħlas, ġurnata skolastika maħsuba għall-prodotti tal-ħalib permezz ta' razzett mobbli u bil-preżenza ta' għadd ta' nutrizzjonisti u l-maskot Milly il-baqra, u kif ukoll biex jirbħu voucher għal tagħmir sportiv. Nawguraw lir-rebbieħ: St. Patrick's National School Trim, Co. Meath!

<http://www.moocrew.ie>



IL-BELĠJU Dron bil-frott, il-ħaxix u l-ħalib fil-bitħa tal-iskola

L-avvenimenti tat-tnedija tal-iskema fl-iskejjel tal-Fjandri, il-Belġju, kienu jinkludu sorpriża għat-tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali. Fi skola sekondarja f'Aalst, intuża dron li xeħet mill-ajru frott, ħaxix u ħalib fil-bitħa tal-iskola, fil-preżenza ta' żewġ preżentaturi televiżivi popolari li għamlu xi stunts u li għenu fid-distribuzzjoni.



<https://ec.europa.eu/agriculture/school-scheme>